## "Jien konvinta, li intkom bħala Konsli Onorarji se tkomplu taħdmu biex, permezz ta' xogħolkom, tikkontribbwixu għal ġustizzja u l-paċi."

DISKORS MILL-E.T. MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT TA' MALTA WAQT L-ISKAMBJU TAL-AWGURI MAL-KORP KONSOLARI ONORARJU
12 TA' JANNAR 2018

**Huwa pjaċir tiegħi li illum nilqagħkom, bħal kull sena, bħala membri tal-Korp Konsolari Onorarju ta' Malta.**

**Irrid nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom tal-preżenza tagħkom għal din il-laqgħa tradizzjonali tagħna, fejn nagħtu l-awguri lil xulxin, għal sena ġdida li nittama li tkun waħda ta' paċi, saħħa u ġid, għall-umanita' kollha.**

**Irrid nibda dawn ir-rimarki tiegħi, billi, nirringrazzjakom ta' ħidmietkom, matul is-sena li għaddiet, u fl-istess waqt nieħu l-okkażjoni biex nagħtu ħarsa 'il quddiem lejn ħidmiet li jinħtieġ jitwettqu tul is-sena li ġejja.**

**Irrid ukoll, nesprimi l-apprezzament tiegħi lid-Dekan tal-Korp Konsolari Onorarju, s-Sur Godwin Bencini, li huwa l-Konslu Ġenerali għar-Repubblika Slovakka, għax-xewqat sbieħ, u r-rimarki tiegħu, f'isem il-Korp Konsolari kollhu.**

**B'sodisfazzjon nistqarr li tul is-sena li għaddiet, ir-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi li tirrappreżentaw, u r-Repubblika ta' Malta komplew jissaħħu għall-ġid tal-popli kollha tagħna.**

**Il-kollaborazzjoni bejnietna, kompliet tissaħħaħ grazzi għad-diversi laqgħat bejn l-uffiċċjali tal-pajjiżi rispettivi tagħna, u wkoll permezz ta' Żjajjar Statali u Uffiċċjali, li jien u d-delegazzjoni Maltija għamlet f'xi wħud mill-pajjiżi, kif ukoll, permezz ta' żjajjar Statali u Uffiċċjali, ġewwa Malta, ta' Kapijiet ta' Stati ta' pajjiżi oħra.**

**Ir-rwol tagħkom bħala Konsli Onorarji, jagħtikom l-opportunita' biex tkomplu issaħħu din il-kollaborazzjoni, fost il-komunitajiet soċjali u ekonomiċi tal-pajjiżi tagħna, biex inkomplu nagħmlu l-ġid b'risq il-popli tagħna.**

Barra minn hekk fil-kapaċita' tagħkom bħala Konsli Onorarji, jien nemmen li intom qiegħdin f'qagħda li tinkoraġġixxu d-djalogu rispettuż bejn il-popli tan-nazzjonijiet rispettivi li nirrappreżentaw, kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istess pajjiżi.

Kif stqarrejt ix-xahar li għadda, permezz tad-diskors tiegħi, f'Jum ir-Reppubblika, jien nemmen li nazzjon demokratiku, ikun b'saħħtu meta l-poplu jħoss sens ta' konnessjoni mal-awtoritajiet tal-pajjiż, u jipparteċipa b'mod attiv, fl-iżvilupp tal-futur ta' pajjiżu.

Nazzjon b'saħħtu huwa meta l-poplu jħossu *empowered.* Nazzjon ikun b'saħħtu meta jgħix f'ambjent rispettuż, u meta jkun kapaċi jfittex kull opportunita' biex isaħħaħ il-paċi u l-prosperita'

Bħala Konsli Onorarji, intom ukoll tistgħu tkunu ta' eżempju, għal dan is-sens ta' impenn meħtieġ biex, il-popli tagħna jgħixu f'dan l-ambjent san. Huwa r-rwol tagħkom li żżommu konnessjonijiet b'saħħithom mal-komunitajiet u gruppi diversi. Dan għaliex, tiltaqgħu u twiegħbu għat-tħassib ta' ħafna nies, u, permezz ta' xogħolkom, tistgħu tgħinnu fil-bini u t-tisħiħ ta' relazzjonijiet tajbin.

Permezz tax-xogħol tagħkom, tistgħu toħolqu ambjent fejn il-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet ta' individwi, jistgħu jinbidlu f'opportunitajiet ta' ġid, li jħallu effett fuq is-soċjeta'. Dan huwa s-sens ta' impenn li jinħtieġ ikollna biex nassiguraw kultura ta' paċi pożittiva, fost il-popli tagħna.

Kultura ta' paċi pożittiv ma' jfissirx biss in-nuqqas ta' kunflitt jew vjolenza. Iżda hija l-abbilta' li naħdmu flimkien, u li nibnu strateġiji għall-ġid soċjo-ekonomiku tagħna.

Hija l-abbilta' li kull individwu/a fis-soċjetajiet tagħna, iħossuhom rispettati u *empowered* biex jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom. Il-paċi pożittiva hija proċess attiv, fejn kull individwu u individwa fis-soċjeta' jħossuhom li jistgħu jipparteċipaw.

Il-paċi trid tinbena u tkun imsaħħa kontinwament, billi nissalvagwardjaw, il-ġid komuni tal-komunitajiet u s-soċjetajiet tagħna.

Il-paċi titlob li naħdmu flimkien, biex nindirizzaw il-ħsara soċjali li tinħoloq b'diskriminazzjoni, bl-inugwalganzi, u bl-inġustizzji. Il-ġustizzja u l-paċi huma instrinsikament żewġ valuri magħqudin flimkien.

Jien konvinta, li intkom bħala Konsli Onorarji se tkomplu taħdmu biex, permezz ta' xogħolkom, tikkontribbwixu għal ġustizzja u l-paċi.

Bħala Konsli Ġenerali, li tipprovdu servizzi għaċ-ċittadini li tirrappreżentaw, intom qed tiżviluppaw netwerks professjonali bi standards, li jridu jkunu għolja u etiċi, ħalli tgħinnu fil-promozzjoni ta' opportunitajiet soċjo-ekonomiċi ġusti.

Jien nemmen li kull wieħed u waħda minnha, hi x'inhi ir-responsabbilta' tagħna, jinħtieġ li nenfasizzaw l-importanza ta' opportunitajiet innovattivi fil-komunitajiet u fost il-popli tagħna, biex insaħħu l-valuri tar-rispett u l-paċi.

F'dinja li iktar ma tmur, qed issir aktar globalizzata, jiena nemmen ħafna fir-rwol tad-diplomazija konsolari, li għandha tkun iċċentrata fuq dawn il-valuri essenzjali.

Bħala Konsli, jiena nemmen li għandkom responsabbilta' li tkunu *champions* ta' dan il-messaġġ ta' rispett u paċi, fix-xogħol kollhu tagħkom u fis-setturi kollha li tmissu magħhom.

Negozji iktar b'saħħithom, komunitajiet aktar inklussivi, u aktar ġid ekonomiku għall-pajjiżi tagħna, jistgħu jkunu possibbli u sostenibbli, meta ngawdu minn ambjent ta' paċi u ġustizzja.

Fl-aħħarnett, nawguralkom, fil-kapaċitajiet rispettivi tagħkom, li permezz ta' xogħolkom, tassiguraw id-dinjita' ta' kull individwu/a, billi tkomplu taħdmu, ħalli dawn il-valuri essenzjali, ta' paċi u ġustizzja, ikunu fil-qofol tad-demokraziji rispettivi tagħna.

Irrid nagħlaq billi nesprimi l-apprezzament tiegħi, f'isem il-poplu Malti kollhu, għax-xogħol tagħkom, li permezz tiegħu qed tassiguraw relazzjonijiet f'livelli differenti li jġibu l-popli tagħna flimkien.

**Jiena konvinta li se tkomplu dak kollhu li tistgħu biex tibnu ħbiberiji b'saħħithom, bejn il-komunitajiet tagħna, fi ħdan is-soċjetajiet tagħna u fost in-nazzjonijiet rispettivi, li flimkien, nirrappreżentaw.**